**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 13/2020

**Il-Ħamis 26 ta' Novembru, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier (virtwalment)
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Ryan Muscat - Accountant

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

13.1.1. Is-Sindku Dean Hili wara l'innota li l-membri kollha kienu preżenti, għadda għall-item li kien imiss.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/K8/2020.

13.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K8/2020 kif ippreżentati.

13.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.2.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona sospensjoni tal-aġenda biex item 6 jiġi diskuss qabel item 3.

13.2.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.6 Abbozz tal-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021.

13.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta abbozz draft tal-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021 kif diskuss u maqbul mill-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara Dok. 1)** Il-kelliem stieden lill-Accountant biex jagħti l-ispjega tiegħu.

13.6.2 L-Accountant Ryan Muscat ta l-ispjega tiegħu u ma kienx hemm mistoqsijiet partikulari.

13.6.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-abbozz draft tal-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021 kif ippreżentat.

13.6.4 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.6.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.7 Abbozz tal-Pjan ta' ħidma għas-snin 2021 – 2025.

13.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta abbozz draft tal-Pjan ta' ħidma għas-snin 2021 – 2025 kif diskuss u maqbul mill-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara Dok. 2)** Il-kelliem stieden lill-Accountant biex jagħti l-ispjega tiegħu.

13.7.2 L-Accountant Ryan Muscat ta l-ispjega tiegħu u ma kienx hemm mistoqsijiet partikulari.

13.7.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-abbozz draft tal-Pjan ta' ħidma għas-snin 2021 – 2025 kif ippreżentat.

13.7.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.7.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.7.6 Fl-4.30pm, is-Sindku Dean Hili irringrazzja lill-Accountant Ryan Muscat u dan ħalla l-kamra.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4613/20/I** Ittra mingħand Galea Cleaning Solutions JV fejn b'referenza għall-kuntratt PLC 2018/02 Collection of Mixed Household Waste in an Enviromental Friendly Manner, qed jitlob li jingħataw żieda biex ikopri l-ispejjeż u ż-żieda li kien hemm fis-servizz.

13.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4613/20/I** inkluż il-laqgħa li għad kif saret mal-kuntrattur waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi fejn ippropona li l-Kunsill għandu japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Finanzi, cioe li tiġi ikkunsidrata żieda ta' 10% tar-rati fid-dawl li x-xogħol żdied u għalhekk żdiedu l-ispejjeż relatata mal-ħaddiema.

13.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4661/20/I** Kwotazzjoni mingħand WeBee Ltd sabiex il-mobile app tkun bil-lingwa Maltija ukoll u jkollha faċilita` biex wieħed jaqleb minn lingwa għal oħra waqt l-użu tal-app.

13.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4661/20/I** fejn ippropona li l-kumpanija għandha tiġi nkoraġġita tlesti l-użu tal-app bl-applikazzjoni tal-varjazzjonijiet li ġew diskussi bejnu u l-kumpanija fil-ġimgħat li għaddew, fejn umbagħad wara li tiġi varata lill-pubbliku, ikomplu jaħdmu fuq din il-faċilita` tat-tieni lingwa u għalhekk f'dan l-istadju ippropona li l-kwotazzjoni tiġi milqugħa.

13.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4747/20/I** Email mingħand is-sid ta' Insta Store jitlob il-permess tal-Kunsill biex fi żmien il-festi, ipoġġi christmas tree bid-dwal, faċċata tal-ħanut tiegħu fi Triq il-Profs Walter Ganado.

13.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4747/20/I** fejn irrimarka li din il-kwistjoni ġiet iċċirkolata permezz tal-email, u li in vista tal-fatt li ma kienx hemm oġġezzjonijiet, l-applikant ingħata l-permess diġà dan l-ispazju sabiex iżejjen sit aċċessibbli mill-pubbliku, bil-kondizzjoni li jkun huwa responsabbli għaż-żamma sigura tiegħu, u li jkun responsabbli wkoll f'każ ta' ħsara lil terzi. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-deċiżjoni inkluż li l-miżata mitluba skond il-liġi m'għandiex tintalab fid-dawl li hija konnessa mal-attivitajiet tal-Milied.

13.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4758/20/I** Ċirkulari 2020-126 mingħand l-AKL dwar Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021.

13.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4758/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill iġedded din l-iskema u jsiru l-ħlasijiet relattivi skond ir-rati msemmija fl-email.

13.3.11 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab informa lill-Kunsill li huwa kien qed jirrinunzja għal dan is-servizz minħabba li diġa huwa kopert b'polza oħra privata.

13.3.12 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4787/20/I** Email mingħand Eurobasket Wolves vis-a-vis id-diskussjonijiet li għaddejja mal-Kunsill.

13.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4887/20/I** fejn ippropona li ġaladarba mhuwiex possibbli li r-rata tal-ħlas għal kiri tal-*court* tonqos, il-Kunsill għandu possibbilment ikompli d-diskussjonijiet mal-Club sabiex jara kif din ir-relazzjoni tkun waħda ta' benefiċċju reċiproku.

13.3.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4787/20/I** Kwotazzjoni mingħand Guggen Musik Vintage Bus Parades (Big Friends Guggen Musik Malta)

**46/4958/20/1** Kwotazzjoni mingħand Leon Promotions bi proposta Oħloq Spirtu Tal-Milied Fil-Lokalita' Tiegħek....Minkejja Ċ-Ċirkostanzi Preżenti.

13.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4787/20/I u 46/4958/20/I** fejn ippropona li tali servizz jidher li m'huwa ser joffri ebda valur miżjud lir-residenti individwali għal-lokal fi żmien il-festi tal-Milied u għalhekk ebda proposta m'għandha tiġi ikkunsidrata.

13.3.18 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4965/20/I** Proposta mingħand GreenPak Coop dwar Recycled and Upcycled garden_2021.

13.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4965/20/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab fuq is-suġġett.

13.3.21 Wara diskussjoni li saret, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li l-Kunsill jaqbel mal-kunċett propost suġġett li jkun safe għall-persuni li ser jiffrekwentaw il-post, kif ukoll li kull kunċett ta' dak li ser jipproduċu għandu jkun approvat minn qabel mill-Kunsill.

13.3.22 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4972/20/O** Kommunikazzjoni mal-Annimal Welfare dwar l-iskema LC CARE Project Application, abbażi tal-approvazzjoni għal xiri ta' kennels.

**46/5043/20/I** Email mingħand l-Annimal Welfare fejn qed jistiednu lill-Kunsill biex jiġi iffirmat il-kuntratt relatat mal-iskema għas-sena 2021.

13.3.24 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4661/20/I u 46/5043/20/I** fejn ippropona li tintgħażel l'aktar offerta addattata u li idealment il-materjal ikun tal-injam biex jikkumplimenta l-ambjent ta' fejn ser jitpoġġew.

13.3.25 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.27 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li wara komunikat mal-Kunsillier Désirée Vella Brincat dwar il-follow up li kellha tipprovdi lill-Kunsill dwar fejn għandu jiġi propost li jistgħu jitwaħħlu aktar dog bins tul is-sit Natura2000, ippropona li jitpoġġew 3 dog bins fiż-żona, wieħed ħdejn it-Torri, wieħed l-isfel mill-kamra tad-dawl u ieħor fil-bidu tac-cycle path minnaħa tal-Pembroke Athleta.

13.3.28 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4977/20/I** Kwotazzjoni mingħand B. Grima and Sons għal railing madwar il-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

13.3.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4977/20/I** fejn ippropona li din l-istima tiġi aċċettata u tidħol bħala parti mill-applikazzjoni li ser isir għall-fondi tal-PA biex isir upgrading ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta u l-madwar.

13.3.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5077/20/I** Stima mingħand il-Perit tal-Kunsill biex isir topographical survey tul Triq G. Henin għall-prezz ta' €825.00 eskluż il-VAT.

13.3.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5077/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

13.3.34 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għas-sistema proposta tal-One Way f'St. Patricks fejn informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn xi residenti biex l-aħħar parti ta' Triq San Patrizju tibqa' Two Way u Triq Antoine de Favray ssir One Way bil-maqlub ta' dak propost. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob lil TM tiġi emendata l-proposta kif diġa approvata.

13.3.37 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 12/K8/2020 item 12.3.43 fejn staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk kellhomx xi proposti relatata ma' fejn jistgħu isiru postijiet riservata għal scooters u muturi.

13.3.40 Peress li ma kien ebda rispons, is-Sindku Dean Hili talab li l-membri jaraw li sal-laqgħa li jmiss jaraw li jressqu l-proposti tagħhom.

13.3.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-Minuti 12/K8/2020 item 12.9.2 fejn informa lill-Kunsill li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, l-AKL kienu laqgħu t-talba tal-Kunsill biex il-fondi li kien ġew allokata għall-attività' tal-Halloween, issa jistgħu jintużaw biex jiġu installata miżuri ta' traffic calming fi Triq Alamein.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 34/2020** – Rapport tal-Kumitat tal-Finanzi **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 35/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 12/K8/20 u 13/K8/20 **(Dok. 4)**

13.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 35/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

13.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.8 Laqgħa pubblika 2020 skond Artiklu 70 tal-Att.

13.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-Artiklu 70 subartiklu (1) (a) tal-Att 363 fejn jgħid li 'Il-Kunsilli Lokali għandhom isejjħu żewġ laqgħat annwali tal-lokalità – (a) laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja. Il-kelliem fakkar li l-laqgħat annwali tal-lokalità għandhom isiru f'dak il-post li l-Kunsill Lokali jistabbilixxi u li jkun aċċessibbli għal kulħadd, inkluż li avviż ta' dawk il-laqgħat għandu jkun notifikat permezz ta' ittra mibgħuta f'kull residenza, negozju u għaqdiet fil-lokalità u fuq il-website u pubblikat fuq il-midja soċjali tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata mid-data tal-laqgħat. Fid-dawl ta' dan inkluż li s-sala tal-Kunsill mhux adegwata biex tospita tali laqgħa minħabba r-restrizzjonijiet tas-Supretendent tas-saħħa Pubblika, kif ukoll minħabba loġistika ta' online streaming, il-kelliem ippropona li fid-dawl tal-pandemija Covid-19, il-laqgħa għandha tinżamm virtwalment fejn il-Kunsill għandu jibgħat messaġġ lir-residenti li jgħid "Il-Kunsill Lokali Pembroke jistiednek tipparteċipa fil-laqgħa annwali li fiha ser jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2021. Għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika, minħabba l-pandemija, u għaliex jemmen li hija aktar konvenjenti għar-residenti u aktar effettiva, din il-laqgħa se ssir b'mod virtwali. Din se tkun imxandra dirett fuq il-paġna ta'

Facebook tal-Kunsill https://www.facebook.com/pembrokelocalcouncil fejn kulħadd se jkun jista' jippostja l-kummenti u s-suġġerimenti tiegħu. Jekk tixtieq tipparteċipa u titkellem waqt il-laqgħa nitolbuk tikkuntattjana permezz tal-email pembroke.lc@gov.mt biex tirreġistra l-interess tiegħek u nibgħatulek il-link tal-laqgħa. F'każ li m'għandekx il-possibilità li tipparteċipa b'mod diġitali, nistiednek iċċemplilna fuq 2137 2111 biex naraw kif nistgħu nakkomodawk jew nigwidawk." Il-kelliem irrimarka li waqt din il-laqgħa sejrin jiġu kunsidrati biss kummenti dwar l-estimi finanzjarja. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 fis-6:00pm.

13.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 5, 6, 7, 8 u 9)**

13.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

13.9.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.10 Mozzjonijiet.

13.10.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss issir fl-4:30pm.

13.11.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.11.4 Il-laqgħa ntemmet fil-18:00pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 fl-4:30pm.

**Konfermati, illum 15 ta' Diċembru, 2020**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok1

# Pembroke Local Council

DRAFT

## Annual Budget For Financial Year 2021

# Pembroke
# Local Council

DRAFT

## Business Plan
## for the
## Period
## 2021 - 2025

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 34/2020** **26 ta' Novembru 2020**

# Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi

Il-membri tal-Kumitat tal-Finanzi iltaqgħu nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2020 fl-16:00 biex ikunu jistgħu jiddiskutu l-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2012 – 2025.

Għall-kienu preżenti s-Sindku Dean Hili, l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab, il-Kunsillier Charles Cesare, l-Kunsillier Raymond Lanzon, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Accountant tal-Kunsill Ryan Muscat. Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienet skużata minħabba xogħol.

Fl-istess laqgħa l-membri iltaqgħu ukoll mal-kumpanija Galea Cleaning Solutions JV li jipprovdu s-servizz ta' Ġbir ta' Skart fil-lokal u dan abbażi tat-talba tagħhom biex jgħollu l-prezz tas-servizz mitlub.

### Abbozz tal-Estimi Finanzjarja għas-Sena 2021

Wara l-ispjega provduta mill-Accountant tal-Kunsill, il-membri preżenti qablu mal-abbozz kif propost u għalhekk qablu li tali rakkomandazzjonijiet jiġu rakkomandata għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

### Abbozz tal-Pjan ta' Ħidma għas-Snin 2021 - 2025

Wara l-ispjega provduta mill-Accountant tal-Kunsill, il-membri preżenti qablu mal-abbozz kif propost u għalhekk qablu li tali rakkomandazzjonijiet jiġu rakkomandata għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

### Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart

L-Accountant tal-Kunsill informa lill-Kunsill li mill-kalkoli li kien għamel it-talba ta' €50.00 żieda kulljum la hija sostenibbli u lanqas tista' tiġi ikkunsidrata peress li tmur kontra r-regolamenti tat-tendering.

PEMBROKE

Il-kelliem informa lill-Kumitat li l-għola kalkolu li jista' jikkunsidra l-Kunsill huwa massimu ta' 10% żieda, parametri li huma l-limitu ta' varjazzjonijiet li jista' isir f'kuntratt. L-accountant fakkar ukoll li l-Kunsill kellu jżomm f'moħħu ukoll li ebda żieda ma tista' tingħata li b'xi mod jinqabżu l-prezzijiet tal-offerenti l-oħra li kienu tefgħu l-offerta tagħhom.

Saret referenza għaċ-ċirkulari 17/2019 maħruġa mid-Dipartiment tal-kuntratti fejn hemm indikat l-anqas rati li bihom jista' jitħallas kennies, li jiġi paragun mal-kolletturi tal-iskart. Issa fid-dawl li l-kuntrattur informa lill-Kunsill li mill-kalkoli jidher li qed idum siegħa aktar kulljum biex jiġbor l-iskart, u dan minħabba li qabel kien hemm l-iskips u illum il-ġurnata dawn kienu tneħħew minħabba l-ġbir ta' l-iskart organiku, il-Kunsill innota ta' rata hija ta' €7.08 għal kull siegħa għal kull persuna.

Issa jekk kif qed jingħad ix-xogħol twal b'siegħa u servizz qed jingħata permezz ta' xufier u żewġ kolletturi, din tammonta għal €21.24 (€7.08 x 3). Il-kuntratt jirregola li l-aktar varjazzjoni aċċettabbli hija dik ta' 10%, jiġifieri €14.02 jekk għall-Magħtab jew €15.02 jekk għal Sant Antnin.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-membri qabel li jirrakkomandaw lill-Kunsill li l-kuntratt jiżdied b'10% biex ikopri parti miż-żidiet li qed ikollu l-kuntrattur.

Il-laqgħa ntemmet fl-16:00.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 35/2020** **26 ta' Novembru 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 12/K8/20 u 13/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 151 | 2020 | Mica Med | Tinbidel il-main switch box u l-RCBO's li hemm bżonn kif ukoll tiġi installata photo cell mas-sistema tad-dwal li hemm bejn blokk A5 sa blokk A11 |
| 152 | 2020 | B. Grima and Sons | • Tinbidel it-tabella tal-One Way fi Triq Mandalay<br>• Tinbidel it-tabella tar-roundabout ta' ħdejn il-Kunsill fi Triq Alamein |
| 153 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa mal-arblu tal-Kunsill li hemm fi Triq Dun Ġużepp Farrugia fejn id-drive-in maġenb il-bollards |
| 154 | 2020 | Mica Med | Tinstalla warm white floodlight fuq l-istruttura tal-hadid li tinsab fil-picnic area |
| 156 | 2020 | Med. Dev. Des. & Cons. Ltd. | Mitlub biex għan-nom tal-Kunsill tissottometti applikazzjoni lill-PA dwar hamrija u tħawwil ta' siġar fi Triq G Henin |
| 157 | 2020 | J&K Contractors | Tissuplixxi u tinstalla pajp tal-ilma fil-Ġnien 4 ta' Lulju |
| 158 | 2020 | B. Grima and Sons | Jiġu rranġati t-tabelli tal-iskejjel fi Triq Alamein u jitneħħew minn fuq il-poles u fejn hu possibbli jitpoġġew fuq l-arbli tal-Enemalta |
| 159 | 2020 | Smart Office Supplies | Stationery |
| 160 | 2020 | Mica Med | Sabiex tiskonnetja lampa li tinsab fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche faċċata ta'dar numru 10 |
| 161 | 2020 | Mica Med | Sabiex tirranġa lampa li tinsab fi Triq Normandy faċċata ta' blokk 10 fil-kantuniera |
| 162 | 2020 | Mica Med | Sabiex tikkonnetja lampa li tinsab fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche faċċata ta'dar numru 10 |
| 163 | 2020 | Mica Med | Sabiex tirrenġa lampa L093 li tagħti għall-passaġġ wara bus stop ta' Triq Sant'Andrija |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg